# EDUKAZZJONI NISRANIJA

Għalkemm il-progress materjali f'dawn l-aħħar snin mexa 'l quddiem b'passi mill-akbar, l-hena għadu mhux isaltan f'qalb il-bniedem, u r-regħba u l-kburija għadhom jaħkmuha. Hi meħtieġa u mitluba bidla, imma din ma tit-wettaqx qabel ma l-bniedem jagħżel triq oħra minn dik li mexa fiha s'issa u jagħraf lil Kristu bħala s-Sultan waħdani tiegħu.

Bosta kienu dawk li għomja wara t-tagħlim ta' Rousseau u oħrajn bħalu, raw jixref fuq ix-xefaq tal-ħsieb tagħhom, il-bniedem-bhima, li jista' jsir bniedem-alla,—biżżejjed għa-lih in-nifsu. Imbegħdin minn kull Tagħlim Nisrani, għaj-nejhom tgħammxu għal din id-dehra ta' frugħa u bdew ixandru t-tagħlim ħajjen ta' Nietzsche li mhux imsejjes għajr fuq il-qawwa tal-bniedem. Is-semm tnissel u biż-żmien beda jagħti l-frott. Il-Ħruxija qiegħda ssaltan, Sidt ta' għadd bla qies ta' bnedmin.

B'dana kollu l-bniedem għadu jista' jinfeda u jerġa' jersaq qrib dak il-hena li fil-bluha tiegħu tbiegħed minnu. Iżda sabiex dan jitwettaq jeħtieġ li l-ewwelnett issir bidla fit-tagħlim, u l-aktar taż-żgħażagħ, ħalli dawna, imħarrġin kif inhu xieraq, ikunu jafu jagħżlu t-triq li twassalhom għas-sewwa.

Kristu hu s-sies ta' kull tagħlim tajjeb, għalhekk l-edukazzjoni jeħtiġilha tieħu bixra nisranija, fl-irqaqat tagħ-ha kollha; b'hekk, flok ir-regħba tibda ssaltan il-qalb tajba, flok il-ħruxija, il-ħniena. Kif naraw mill-ġrajja li qegħdin jitwettqu fid-dinja, jekk il-bniedem ma jiġix imħarreġ sa minn ċkunitu f tagħlim ta' mħabba, ma jsibhiex bi tqila li jitbiegħed mit-triq tas-Sewwa, jagħtiha għall-frugħa, u jagħ-ma wara l-Qawwa li fl-aħħar tjassru u tagħmlu jixbah aktar lill-bhima milli lil Alla, li ħolqu xbieha tiegħu.

Mela b'"edukazzjoni" ma għandniex nifhmu tagħlim biss u xejn aktar, imma bini ta' karattru, jiġifieri, il-bnie-dem għandu jiġi mħarreġ f'dawk id-drawwiet tajba li fil-għaqda tagħhom, imbagħad jagħżlu bniedem minn ieħor.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-edukazzjoni, hu dmirna li nħarsu l-bogħod u nagħarfu sewwa x'inhu l-għan tal-ħajja. Aħna ngħixu għal Alla, u għalhekk il-bniedem għandu jinqeda bil-qawwiet u l-ġibdiet tiegħu kollha, bħala għodda li bihom jilħaq l-għan aħħari tiegħu, 'l Alla.

Bla ebda dubju, l-ewwel ħsieb tagħna ma' tul ħajjetna għandu jkun ta' ruħna, iżda l-anqas ma għandna fl-istess ħin inħallu fil-ġenb moħħna u ġisimna; dawn ukoll tahomlna Alla, u għalihom irridu nwieġbu. Il-moħħ tal-bniedem għandu jitħarreġ u jissaħħaħ, għax aktar ma jinkiseb għerf għaqli aktar joktor it-tifħir lil Alla. Il-ġisem tagħna mill-banda l-oħra ma għandniex inħalluh isaddad u jitmermer, imma f'dak kollu li għandu s'jaqsam miegħu għandna dejjem inżommu quddiem għajnejna li hu Tabernaklu ta' l-Ewkaristija, u għalhekk għandna nqimuh, imma mhux bħal ma kienu u għadhom jagħmlu l-pagani.

In-Nisrani mħarreġ kif tixtieqU l-Knisja Kattolika hu sies sħiħ u qawwi ta' pajjiżu. Għalkemm il-Knisja hi xirka li tħaddan id-dinja kollha, Hi tindehes f'qalb il-pajjiżi tal-ġnus differenti u ssaħħaħ u twettaq ix-xejriet tajba tagħhom. Kattoliku tajjeb, mela, ma jistax ma jkunx pajżan tajjeb u qalbieni, dejjem imhejji jagħti s-setgħat tiegħu kollha għall-kobor ta' Dinu u għall-ġid ta' pajjiżu.

Jidher ċar, mela, kemm hu kbir il-piż li għandhom fuq spallejhom dawk li l-pajjiż jaħtar sabiex jieħdu f'idejhom it-trobbija tat-tfal. Ħadd ma jiċħad li l-wirt spiritwali ta' misserijietu u l-ambjent li jitrabba fih għandu setgħa kbira fuq il-bniedem. Imma Alla għoġbu jagħni lill-bniedem birrieda u għalhekk dan jista' jeqred kull tebgħa li seta' wiret jew li seta' kiseb ħtija ta' tisħib ħażin. Kif qal Alessandro Manzoni : id-Din Nisrani hu triq hekk imsawra li twassal fil-hena lil kull bniedem ta' rieda tajba li jibqa' miexi ma' tulha, ukoll jekk fl-imgħoddi, ħtijietu kienu kbar.

Ma tqarraqx il-Kriżostmu meta qal: "X'ħidma hemm aqwa minn dik li tħarreġ moħħ iċ-ċkejken u trabbih fi drawwiet tajba?" Nistgħu kważi ngħidu li s-surmast hu Vigarju ta' Kristu, li lilu huma mogħtija jeddijiet u dmirijiet kbar, bl-għan li jtalla' rġiel sħaħ fil-biża' t'Alla—il-bidu ta' kull għerf—u li jrawwem fihom qima u mħabba lejn dawk li huma aħjar jew agħar, ogħla jew anqas minnhom—sisien li mingħajrhom ma tistax isseħħ il-paċi la fi ħdan il-familja u lanqas fi ħdan l-Istat. Kristu ma baqax li ma wigħedx ħlas sabiħ lil dawk fost is-surmastrijiet li jaqdu dmirijiethom sewwa—kull min jilqa' f'ismi anki l-iċken minn dawn, ikun qed jilqa' lili n-nifsi.

L-edukazzjoni m'hi xejn ħaġa ħafifa, u titlob dehen u għaqal kbir minn dawk li jinħatru għal dan ix-xogħol. Is-surmast jista' jixxiebah ma' l-iskultur, li jonqox sura, mhux bl-iskarpell u l-martell, imma bir-rieda tajba tiegħu li

għalhekk jeħtiġilha tkun b'saħħitha u tiġbor fiha nfisha l-għerf t'Alla, u l-imħabba lejn il-familja u lejn l-Istat li mit-tfal tal-lum qed jistenna l-irġiel ta' għada. Hekk jasal iż-żmien meta wara li l-Ħniena u l-Imħabba jaħfru l-ħtijiet u n-nuqqasijiet jibda jaħkem ix-xettru tal-Ħaqq u tas-Sewwa, u s-Saltna ta' Kristu tnissel il-hena f'qalb il-bnedmin.

Ż. A.